# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**ILLUM, 12 ta' Marzu 2024**

**Rikors Nru. 548/2019 GM**

**George Schembri Orland (546556M)**

**vs**

**George Borg (622351 M), Miriam Borg (261059M), u**

**Joseph Borg (312671M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' George Schembri Orland li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

1. L-esponent għandu bi proprjeta' l-fond numru 22, ġa 88, fi Triq San Franġisk, Qormi.

2. Il-konvenuti qegħdin jokkupaw u/jew iżommu pussess ta' dan il-fond abbużivament u mingħajr ebda jedd validu fil-liġi.

3. L-esponent interpella lill-konvenuti sabiex jivvakaw minn dan il-fond u jirrilaxxjawh battal tajba favur l-esponent, pero' dawn baqgħu inadempjenti.

4. Jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi għat-tenur tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Kap. 12) sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ tagħha billi sa fejn jaf l-esponent, il-konvenuti ma għandhom ebda eċċezzjoni xi jressqu kontra t-talba attriċi għall-iżgumbrament tagħhom minn dan il-fond.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

(i) tipproċedi għas-sentenza skont it-talba attriċi bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża għat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; u

(ii) tikkundanna lill-konvenuti sabiex b'mod immedjat jivvakaw mill-fond imsemmi 22, ġia 88, fi Triq San Franġisk, Qormi, u jirrilaxxjawh battal u f'kundizzjoni tajba favur l-esponenti.

Wara x-xhieda tal-konvenuta Miriam Borg qieset li l-konvenuti għandhom eċċezzjonijiet x'jintavolaw u tagħthom għoxrin ġurnata sabiex jippreżentaw risposta maħlufa.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti George u Miriam konjuġi Borg li permezz tagħha eċċepew illi :

1. L-esponenti jirrilevaw u jitolbu illi r-rikorrenti jindika taħt liema dispożizzjoni tal-liġi qiegħed jibbaża t-talbiet tiegħu;

2. Fil-mertu l-esponenti jirrilevaw illi t-talbiet hekk kif dedotti mir-rikorrenti fil-konfront tagħhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu u dan peress illi mhuwiex minnu illi l-esponenti qegħdin jokkupaw u/jew iżommu pussess ta' dan il-fond abbużivament u mingħajr ebda jedd validu fil-liġi;

3. Inoltre l-atturi għandu jipproduċi prova tat-titolu tiegħi kif ukoll il-kuntratti kollha msemmija relattivi kif ukoll li l-proprjeta' in kwistjoni kienet tgħajjat lill-awturi tagħhom.

4. Inoltre d-domandi attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-esponent ilhom jokkupaw il-fond in kwistjoni ghal iktar minn erbgħin sena u la qatt ħallsu qbiela

u/jew kera lil xi ħadd u li dejjem iddetjenew il-fond bħala tagħhom animo domini u dan għal iktar minn tletin sena.

5. Tul dawn l-aħħar erbgħin sena, huma dejjem abitaw f'dan il-fond u ħadd qatt ma ġie jwaqqafhom milli jabitaw hemmhekk u kien biss riċentament illi tfaċċa l-attur. Illi l-esponenti dejjem żammew il-proprjeta' animo domini u ppossedew dan il-fond ghal iktar minn tletin sena, liema pussess tagħhom kien ċar u inekwivoku u qatt ħadd ma ddisturbhom f'dan il-pussess;

Rat in-nota tal-attur tat-3 ta' Ottubru 2019 li permezz tagħha ċeda l-kawża fil-konfront tal-konvenut Joseph Borg waqt li żamm ferm l-istess kawża fil-konfront tal-konvenuti George Borg u Miriam Borg.[1]

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Din hija kawża li fiha l-attur jallega li hu sid tal-post 22 Triq San Franġisk, Ħal Qormi; li l-konvenuti jokkupawħ bla titlu; u għalhekk jitlob l-iżgumbrament tagħhom. Il-konvenuti jallegaw li saru sidien tal-post bil-preskrizzjoni akkwiżittiva ta' tletin sena.

**Punti legali dwar l-azzjoni rivendikatorja**

Għalkemm hemm ġuriprudenza konfliġġenti dwar il-piż tal-prova f'azzjoni rivendikatorja, skont is-sentenzi l-iktar riċenti tal-Onorabbli Qorti tal-Appell l-attur f'azzjoni ta' rivendika dejjem għandu jipprova li għandu titlu oriġinali (ċjoè l-pussess *ad usucapionem*) fuq l-art mertu tal-kawża, u dan irrispettivament minn jekk il-konvenut da parti tiegħu jkunx ivvanta titlu

[1] Fol 17

huwa stess fuq l-art in disputa. Dan sakemm il-konvenut ma jkunx qed jaċċetta l-validita` tat-titolu tal-attur iżda jivvanta titolu aħjar, jew sakemm l-attur u l-konvenut ma jkunux qed jippretendu titolu mingħand l-istess awtur, li mhux il-każ hawnhekk.[2]

L-attur irid jipprova titolu oriġinali, *ossia* l-pussess *ad usucapionem,* fuq il-proprjeta` in disputa. Mhux biżżejjed li juri titolu derivattiv.[3] Ladarba hu meħtieġ titlu oriġinali, kuntratti, ikunu kemm ikunu "ċari u inkonfutabbli", qatt ma jistgħu weħedhom ikunu prova biżżejjed għax kuntratt huwa titolu derivattiv mhux oriġinali.[4] Din tissejjaħ il-prova dijabolika.

**Applikazzjoni tal-punti legali dwar l-azzjoni dijabolika**

L-attur ippreżenta dokumenti ta' provenjenza sa mis-sena 1880.[5] Hu akkwista żewġ terzi indiviżi mingħand iz-zijiet materni tiegħu permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Spiteri tas-17 ta' April 2000[6] waqt li terz indiviz l-ieħor irċevieh b'donazzjoni mingħand ommu Maria Schembri nee Orland b'kuntratt fl-atti tal-istess nutar tal-20 ta' Novembru 2000.[7]

L-esponent ressaq ukoll prova tal-pussess *animo domini* tiegħu u tal-awturi tiegħu li kienu jeżercitawh għal ħafna snin bil-mezz tal-inkwilini taghhom. L-awturi tal-attur, u l-attur innifsu, dejjem iddikjaraw b'mod mill-aktar inekwivoku, pubblikament, minghajr opposizzjoni jew kontestazzjoni, u f'diversi atti notarili insinwati fir-Registru Pubbliku[8], li dan il-fond proprjeta` tagħhom kienu jikruh lil terzi. Fih innifsu, dan jikkostitwixxi pussess *animo domini* bil-mezz tad-detentur. L-aħħar dikjarazzjoni f'dan is-sens saret fis-sena 2000.

[2] Ara per eżempju Anthony Sammut v. Paul Muscat 26.01.2022 Qorti tal-Appell.
[3] **Francis Manduca Azzopardi et vs Anthony Sant Cassia et** Appell, 28.4.2021
[4] Qorti tal-Appell fid-29 ta' Ottubru 2018 fil-kawża fl-ismijiet: "**Richard England et v. Joseph Muscat**
[5] Dok GSO1 a fol. 66 sa fol. 106.
[6] Fol 101
[7] Fol 104
[8] **Art. 2107(1), Kod. Ċiv.**

Fis-sena 1995 kien daħal fil-post għall-ewwel darba iżda billi kellu proprjetajiet aktar importanti li kienu jirrikjedu attenzjoni ma tantx ta' kasu la raħ diżabitat. Fis-sena 2011 l-attur biegħ il-garaxx li jmiss mal-fond in kwistjoni u kull Settembru kien imur jagħmel il-plastik mat-twieqi biex ma jidħolx ilma tax-xita. Tant kien abbandunat illi l-bieb ta' barra lanqas kien għadu jingħalaq u kienu qed jidħlu xi persuni mhux tal-affari tagħhom fih. Għalhekk l-attur fis-sena 2019 kien għamel bieb tal-ħadid u kien hawn li nduna li xi ħadd kien qed jaqta' l-katnazz kull darba u jagħmel katnazz ieħor b'tali mod li ma jkollux aċċess għalih.

Meta għamel dan il-bieb tal-ħadid kien ħa xi ritratti li juru l-istat li kien fih l-post. Jidher li kien abbandunat u mhux abitabbli għal diversi snin u mhux sentejn jew tlieta.[9] Kull darba li mar fil-post matul is-snin qatt ma sab lil ħadd jabita hemm.

Dan kollu juri li l-attur u l-predeċessuri tiegħu fit-titlu apparti t-titlu legali kellhom ukoll il-pussess tal-istess fond.

Għalhekk m'hemmx dubju li l-attur ipprova t-titlu tiegħu sal-grad għoli rikjest mil-liġi f'din it-tip t'azzjoni. Għalhekk kien imiss lill-konvenuti jressqu l-prova tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni akkwiżittiva ta' tletin sena.

**Preskrizzjoni akkwiżittiva**

Il-konvenuta Miriam Borg xehdet illi twieldet fil-fond in kwistjoni fuq sittin sena ilu u tgħid li kienet toqgħod hemm Marianna Casha li tiġi z-zija t'ommha. Antonia Ebejer, li tiġi omm il-konvenuta kienet toqgħod ma' Marianna flimkien ma' żewgha Carmelo Ebejer u ħamest uliedhom. Il-ġenituri tal-konvenuta mietu meta l-ulied kienu għadhom żgħar. L-ulied baqgħu għal xi żmien jgħixu fl-istess

[9] Fol 142

post. Biż-żmien kollha telqu ħlief għall-konvenuta li baqgħet tirrisjedi hemm flimkien ma' żewġha l-konvenut l-ieħor f'din il-kawża.

Antida Saglimbene, oħt il-konvenuta stqarret illi ma tafx ta' min hu l-post iżda dejjem irreferew għalih bħala l-post taz-zija Manin (Mananni). Meta mietu l-ġenituri tagħhom, dan il-post ma ġiex iddenunzjat.

Kemm il-konvenuta Miriam Borg kif ukoll oħtha Antida Saglimbene ddikjaraw li ma jafux jekk il-genituri taghhom, jew iz-zija ta' ommhom Mananni kinux iħallsu l-kera.

L-attur ippreżenta kopja tar-reġistru tal-kirjiet li kienu jżommu z-zijiet tiegħu bejn il-1949 u 1976. Minnha jirriżulta li Marianna Casha kienet tikri l-post sa mill-1949; imbagħad Carmelo Ebejer (missier il-konvenuta) beda jħallasha mill-1960, u wara kompliet tħallasha martu u omm il-konvenuta Antonia Ebejer li (almenu skont m'hemm miktub) ħallset l-aħħar darba fl-10 t'Ottubru 1976 b'sitt xhur bil-quddiem u ċjoe` sas-7 ta' Frar 1977. Skont il-konvenuta ommha mietet fil-1975. Dan ir-reġistru għalhekk jistabbilixxi bla ebda dubju li kemm iz-zija t'omm il-konvenuta kif ukoll il-ġenituri tal-konvenuta kienu jħallsu l-kera.

L-attur xehed aktar minn darba u b'konsistenza, dwar l-okkażjoni bejn Ġunju 1980 u Ġunju 1983 meta l-konvenuti marru għand zijietu biex iħallsu l-arretrati, u jiġu rikonoxxuti bhala l-inkwilini l-ġodda, imma zijietu ma aċċettawx il-ħlas tal-kera.

Dawn il-provi juru biċ-ċar li l-post kien mikri u li l-konvenuta ma qalitx il-verita` meta qalet li ma tafx min kien sid il-post u li ma tafx jekk il-ġenituri tagħha kinux iħallsu l-kera. Din il-gidba dwar fatt daqshekk importanti għall-Qorti tfisser ukoll li l-konvenuta mhix xhud kredibbli u għalhekk anke x-xhieda l-oħra tagħha għandha tittieħed *cum grano salis*, għaliex *falsus in unus, falsus in omnibus.*

**Kunsiderazzjonijiet legali dwar il-kisba tal-pussess *animo domini* minn inkwilin**

Il-premess juri li fil-1975 il-konvenuti saru inkwilini tal-post in kwistjoni billi jidher li kien japplika l-Kap. 69 li skontu "inkwilin" jinkludi membru tal-familja ta' min ikun iħallas il-kera. Li jfisser li għall-konvenuti japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Art. 2118 u 2119 tal-Kodiċi Ċivili li jaqraw hekk:

> **2118. Dawk li jżommu l-ħaġa f'isem ħaddieħor jew il-werrieta tagħhom, ma jistgħux jippreskrivu favur tagħhom infishom: bħal ma huma l-kerrejja, id-depożitarji, l-użufruttwarji, u, ġeneralment, dawk li ma jżommux il-ħaġa bħala tagħhom infishom.**
>
> **2119. Iżda, il-persuni msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan jistgħu jippreskrivu jekk it-titolu tagħhom jitbiddel minħabba raġuni li tkun ġejja minn terza persuna, jew bis-saħħa tal-oppożizzjoni li huma jagħmlu għall-jedd tas-sid.**

Dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi jikkonfermaw ir-regola antika li salv prova kuntrarja,[10] *ad primordium tituli posterior semper refertur eventus.* Minnhom toħroġ l-importanza prattika tal-massima *melius est non habere titulum, quam habere titulum vitiosum.* Il-qagħda legali tal-pussessur *in mala fede* hi aħjar minn dik tal-pussessur prekarju. Il-pussessur ta' mala fidi, li ma jkollu l-ebda titlu, biżżejjed ikollu l-animu tar-*rem sibi habendi.* Min-naħa l-oħra, għall-pussessur prekarju[11] dan mhuwiex biżżejjed, għaliex irid ikollu wkoll il-*coscientia domini.*[12]

L-oppożizzjoni hija att ġuridiku mwettaq mill-pussessur formali li l-pussess tiegħu jkun dipendenti fuq dak tal-pussessur improprju *uti dominus*, li permezz

[10] Li tista' tinġieb appuntu fi kliem l-**Artikolu 2119 tal-Kodiċi Ċivili**, jew billi tintwera raġuni li tkun ġejja minn terza persuna jew bis-saħħa tal-oppożizzjoni għall-jedd tas-sid – Alfred H. Zammit v. Nazzareno Mercieca 06.02.2015 Qorti tal-Appell.

[11] Bħalma huma d-depożitarji, il-kerrejja u l-użufruttwarji – ara Victor Chetcuti v. Michael Xerri 31.05.1996 Qorti tal-Appell; Joseph Aquilina v. Sunny Homes Limited 05.10.2004 Prim'Awla.

[12] Giovanni Lomonaco, Della Distinzione dei Beni e del Possesso, Ed. 1891, para. 47, paġni 291 sa 291.

tiegħu jiċħad u jħoll dik ir-rabta ta' legittimazzjoni li permezz tagħha pussess kien assoġġettat għall-pussess l-ieħor.[13]

Fi kliem il-Pugliese:

> La opposizione deve essere ad un tempo l'affermazione per parte del detentore di un possesso suo contrapposto al diritto del possessore, a cui *ministerium praestat* e una diffida a questo della cessazione del precedente rapporto giuridico (*causa detentionis*) e della sostituzione di un diverso stato di fatto.[14]

Kif inhu sewwa magħruf, bħala regola ġenerali, ħadd ma jista' jinħall minn kuntratt unilateralment, u għalhekk l-oppożizzjoni ma ttemx ir-rapport ġuridiku, imma r-rapport possessorju li jkun tnissel minnu.[15]

Il-bidla fit-titlu sseħħ jekk xi persuna msemmija fl-Art. 2118 twettaq att ta' oppożizzjoni (*contradictio*) fil-konfront tas-sid, li jista' jkun kemm ġudizzjarju kif ukoll extra-ġudizzjarju. M'hemmx għalfejn jieħu xi forma partikolari. L-oppożizzjoni tista' tkun tikkonsisti f'azzjoni jew fi kliem: *verbis aut factis.* Pero` jinħtieġ li tkun tali li jikxef esternament, u b'manjiera mhux ekwivoka, ir-rieda li jżomm il-ħaġa bħala tiegħu u mhux f'isem ħaddieħor. Mhux biżżejjed ir-rieda interna; irid ikun hemm att estern li ma tħalli l-ebda dubju dwar din l-intenzjoni.[16] U lanqas dan ma huwa biżżejjed. Irid isir fil-preżenza u bl-għarfien tal-pussessur *uti dominus*. Kif jgħid ukoll il-Pugliese:

> La manifestazione della volonta` d'intervertire la detenzione in possesso deve avvenire in contraddittorio del proprietario o di chi lo rappresenta. Qualunque atto del detentore, per quanto

[13] Francesco Silvio Gentile, Possesso e Azioni Possessorie 1974 para 136, paġna 122.
[14] Giuseppe Pugliese, Trattato della Prescrizione Acquisitiva, Torino 1921, n.152)
[15] Gentile, op. ċit. Footnote numru 213, paġna 122.
[16] Katia Mascia, Le Vicende del Possesso, Kapitlu L fil-ktieb Proprieta` e Diritti Reali, diretto da Renato Clarizia, 2016, paġni 2008 – 2010.

> acconcio a manifestare la sua pretesa al possesso, e` insufficiente, se compiuto senza la presenza e la scienza del proprietario.[17]

L-oppożizzjoni hija, tipikament, att ta' kommissjoni.

Għaldaqstant, id-detentur li jonqos li jwettaq l-obbligi tiegħu ġejjin minn kuntratt li bis-saħħa tiegħu jżomm xi proprjeta` ta' ħaddieħor f'idejh ma jkunx qiegħed iwettaq att ta' oppożizzjoni.[18] Dan jgħodd ukoll għall-kerrej li ma jkomplix iħallas il-kera,[19] jew il-qbiela.[20]

Skont il-Pugliese, saħansitra lanqas jikkostitwixxi oppożizzjoni

> Il fatto di continuare a detenere la cosa dopo cessato il rapporto giuridico, donde la detenzione trae origine, ma senza opposizioni.[21]

L-oppożizzjoni trid tkun tali li tafferma l-pussess awtonomu. Hekk per eżempju jekk id-detentur jirrifjuta li jagħti l-ħaġa lura, mingħajr ma jippretendi li l-ħaġa hija tiegħu, bħad-dritt li jkompli jgawdiha jew in-nuqqas tad-dritt tas-sid li jitlobha lura ma jkunx qiegħed jagħmel oppożizzjoni.

**Applikazzjoni tal-prinċipji legali suesposti għall-fatti tal-każ**

---

[17] Op.cit. n. 152.
[18] Montel, 369.
[19] Qorti tal-Kassazzjoni Taljana 86/5466.
[20] Theresa armla minn Joseph Gafa` v. Joseph Camenzuli 11.12.2003 Prim'Awla.
[21] Op.cit. n. 152.

Sas-sena 1980, jekk mhux aktar, il-konjugi Borg żgur li kienu jiddetjenu u mhux jippossjedu. Huma bl-ebda mod ma ċaħdu, jew ikkuntrarjaw, ix-xiehda tal-attur dwar l-okkażjoni meta marru biex ihallsu l-kera fil-preżenza tiegħu.

Mis-sena 1994 ‘il quddiem, meta l-post ġie jappartjeni wkoll lill-attur, il-post kien miftuħ u abbandunat, tant li l-attur kien jidħol liberament mingħajr ċavetta. L-attur fis-sena 2019 kien għamel bieb tal-ħadid u kien hawn li induna li xi ħadd kien qed jaqta’ l-katnazz kull darba u jagħmel katnazz ieħor b’tali mod li ma jkollux aċċess għalih u irriżulta li kienu l-konvenuti. Filfatt il-partijiet għandhom kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Għalhekk, żgur li mis-sena 1994 il-pussess tagħhom ma kienx wieħed paċifiku.

Il-*meter reader* mar 72 darba fuq il-post biex jaqra l-arloggi, u qatt ma fetahlu hadd, u meta accedew l-uffiċjali tal-Enemalta fit-8 ta’ Novembru 2005 u fis-7 ta’ Novembru 2006, dawn irregistraw fuq l-atti uffiċjali tal-korporazzjoni li l-post ma kienx jintuza. Ir-rapprezentant ta’ ARMS Limited xehed[22] li s-servizz tad-dawl u l-ilma fil-fond mertu tal-kawza jinsab registrat f’isem il-konvenut George Borg. Bejn is-snin 2006 u Ottubru 2014 ma sar ebda hlas. Imbaghad saru ħlasijiet sa Settembru 2016, u wara dakinhar sar ħlas ieħor f’Jannar 2021 u mbagħad fi Frar 2022. Ix-xhud intalab jixhed fis-seduta ta’ Mejju 2022. Bejn Settembru 2016 u Jannar 2021 ma sar ebda ħlas.[23] Dan juri li l-post għamel snin twal fi stat ta’ abbandun. Il-konvenuta xehdet li marru joqgħodu f’razzett proprjeta` tagħha u ta’ żewġha xi sentejn qabel xehdet biex jirranġaw il-post. Dan ix-xhieda ma titwemminx għaliex il-post kien ilu abbandunat għal żmien ferm itwal minn hekk. Fis-sena 2011 l-attur biegħ il-garaxx li jmiss mal-fond in kwistjoni u kull Settembru kien imur jagħmel il-plastik mat-twieqi biex ma jidħolx ilma tax-xita.

[22] Ara xiehda, 12.5.2022 fol. 174 sa 176.
[23] Ara Doki. RB1 sa RB4, fol. 177 sa 197, ara konferma fix-xiehda ta’ Rueben Bonnici, 28.11.2022, fol. 216 sa 217.

Meta għamel dan il-bieb tal-ħadid kien ħa xi ritratti li juru l-istat li kien fih l-post. Jidher li kien abbandunat u mhux abitabbli għal diversi snin u mhux sentejn jew tlieta.[24] Kull darba li mar fil-post matul is-snin qatt ma sab lil ħadd jabita hemm.

Dwar ir-ritratti tal-istat tal-fond, l-esponent qal li ħadhom hu bil-mobajl tiegħu fis-sena 2019 meta ddeċieda li jibdel il-bieb ta' barra ta' dan il-post. Hu kellu aċċess, u qabad u daħal. Fi kliemu, *'jiena kont immur hemmhekk u kont nagħlaq, kont anke, anke kull Settembru konna nagħmlu l-plastic mat-twieqi biex ma jidħolx ilma'*.[25]

L-esponent ċaħad li biex daħal wara li ħa l-post, fis-sena 1995, kien zgassa l-bieb ta' barra. Huwa qal li, għalkemm ma kellux ċavetta, il-bieb kien jinfetaħ u seta' jidħol mingħajr xkiel. Pero' qatt ma sab jew ra lil ħadd ġewwa kemm dam imur, jew jgħaddi minn quddiem, il-post, sakemm bidel il-bieb u tfaċċaw il-konvenuti.

Dawn ir-riżultanzi kollha jikkorroboraw bis-sħiħ il-verzjoni tal-fatti mogħtija mill-esponent, u jikkontradixxu d-dikjarazzjonijiet opposti li għamlu l-konvenuta Miriam Borg, u oħtha. Evidentement, minkejja li ma kienx joqgħod fih, kien l-attur ukoll kellu pussess u kontroll ta' dan il-fond.

Il-konvenuti ma rnexxilhomx iġibu prova ta' pussess *animo domini* ta' tletin sena. Sal-bidu tas-snin tmenin kienu jokkupaw il-fond b'titlu ta' kera. Il-fatt li sid il-kera rrifjuta l-kera iżda huma baqgħu jgħixu hemm mingħajr ma jħallsu kera ma jfissirx li l-konvenuti għamlu att ta' oppożizzjoni. Komplew jokkupaw il-fond

[24] Fol 142
[25] Fol. 137.

iżda qatt ma qalu lis-sid li ma jridux joħorġu minn hemmhekk jew li hemmhekk tagħhom u mhux tiegħu. L-okkupazzjoni tagħhom kienet kompatibbli ma' dik ta' kerrej li rrifjuta li jiżgombra mill-fond wara li s-sid irrifjuta li jaċċetta l-kera; mhux waħda li kienet inekwivokabilment *animo domini* u wisq inqas waħda ta' interverżjoni tal-pussess. Ma kien hemm l-ebda att estern li kien jimmanifesta r-rieda li jikkapparraw il-post bħala sidien. Il-konvenuti ma pprovdewx data minn meta suppost bdiet l-okkupazzjoni tagħhom *animo domini.* Anke għal din ir-raġuni, ma ġabux prova li l-pussess dam paċifiku u mhux interrott għal tletin sena.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

(1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti George Borg u Miriam Borg

(2) Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenuti George Borg u Miriam Borg sabiex b'mod immedjat jivvakaw mill-fond imsemmi 22, ġja 88, fi Triq San Franġisk, Qormi, u jirrilaxxjawh battal u f'kundizzjoni tajba favur l-attur.

Bl-ispejjeż a karigu tal-konvenuti.

MOQRIJA

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA